31999D0400

L 151/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 18.6.1999

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Mejju 1999

## dwar il- konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Ħong Kong, iċ-Ċina dwar kooperazzjoni u għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali.

(1999/400/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma'l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(1) Billi fil-5 ta' April 1993 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem il- Komunità, diversi ftehim ta' kooperazzjoni doganali ma' xi wħud mill-isħab kummerċjali ewlenin tal-Komunità.

(2) Billi l-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u Ħong Kong, iċ-Ċina dwar kooperazzjoni u għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali għandu jiġi approvat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u Ħong Kong, iċ-Ċina dwar kooperazzjoni u għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali qiegħed b'hekk jiġi approvat f'isem il-Komunità,

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il- Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti ta'l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil- Kumitat Konġunt tad-Dwana mwaqqaf taħt l-Artikolu 21 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'hekk jiġi awtorizzat biex jinnomina l-persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim li jorbot lill-Komunità.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 22 tal-Ftehim ([1]).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Meħuda fi Brussel, 11 ta' Mejju 1999.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

L. SCHOMERUS

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.